**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Lulju 2020**

**Talba Nru: 558/18 CZ**

**Hany Ewedah (ID 0124380 (A)**

**vs.**

**Food Chain Limited (C 753)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-3 ta' Dicembru 2018 li biha premetta:

Illi l-attur kien jahdem mas-socjeta' intimata u minhabba l-agir abbuziv u illegali kellu jittermina x-xoghol tieghu bil-konsegwenza li sofra danni li jirraprezentaw telf ta' impjieg, nuqqas ta' hlas ta' sick leave, nuqqas ta' paga, hlas ta' uniformi, spejjez tal-medicini, u danni iehor [sic] kif se jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

Illi s-socjeta' konvenuta permess ta' risposta mressqa fid-19 ta' Dicembru 2018 eccepiet:

Illi *in limine litis* is-socjeta' intimata teccepixxi illi dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' u jiddeciedi talbiet li jaqghu taht il-Kapitolu 465[1] tal-Ligijiet ta' Malta dwar Relazzjoni [sic] ta' l-Impjieg peress illi kwistjonijiet ta' natura ta' impjieg jaqghu taht il-guridizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u fil-fatt it-talbiet kif elenkati jaqghu propju taht l-Artikolu 75, Titolu 1 tal-Kapitolu 465 dwar Relazzjonijiet tal-Impjieg u ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jirrifjuta li jiehu konjizzjoni ulterjuri tas-smiegh ta' dan il-kaz.

Illi inoltre dan it-Tribunal ghandu kompetenza sabiex jaqta' u jiddeciedi biss talbiet ta' flus u mhux sabiex jistabbilixxi danni morali;

Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet is-socjeta' intimata fi kwalunkwe kaz teccepixxi illi t-talbiet tal-attur huma inveritieri u infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt kif ser ikun pruvat ahjar fil-mori tal-kawza, tant illi r-rizenja ta' l-attur kienet wahda volontarja u bil-miktub da parti tieghu u ghalhekk is-socjeta' intimata ma kellha ebda kontroll fuq tali rizenja;

Illi jekk hemm xi ammont illi r-rikorrent hu intitolat ghalih huwa fis-somma ta' €30 ghall-uniformi jekk kemm-il darba din tigi ritornata u l-ammont ta' €61.58 bhala hlas ta' 'sick leave' li hu intitolat ghalih u li dwaru s-socjeta' intimata informatu diversi drabi izda hu qatt ma gabar;

Ghaldaqstant, it-talba tas-socjeta' rikorrenti [sic] hija infondata fil-fatt u fid-dritt, b'dan illi ghandha tigi michuda bl-ispejjez inkluz dik tal-ittra ufficcjali datata 28 ta' Settembru 2018 u bid-drittijiet kontra s-socjeta' rikorrenti;

[1] Iktar tard is-socjeta' konvenuta talbet korrezzjoni u dan in-numru gie mibdul man-numru 452.

Salv eccezzjonijiet ohra permess mil-Ligi.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda ta' l-attur[2], Miriam Mifsud[3] u Joseph Schembri[4].

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mis-socjeta' konvenuta;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:

Illi t-Tribunal jinnota illi diga' inghatat sentenza fejn incahdet l-ewwel eccezzjoni, u ghalhekk ser jillimita ruhu f'din is-sentenza ghall-mertu propju.

Illi mill-provi rrizulta illi l-attur beda jahdem mas-socjeta' konvenuta permezz ta' kuntratt ta' impjieg fiss, ta' tliet xhur, li beda fis-16 t'Ottubru 2017. Illi sussegwentement kien irrizenja mill-impjieg. Fil-frattemp kien ghamel ukoll xi perjodu fuq sick leave waqt ix-xahar t'April. Hu jsostni illi hu spicca mill-impjieg mal-kumpanija konvenuta fid-29 t'April 2018, filwaqt li l-istess socjeta' konvenuta fl-informazzjoni moghtija lil Jobsplus kienet indikat li kien diga' spicca mix-xoghol

---

[2] Fol. 35 et seq, fol. 56 et seq., affidavit a fol. 58 et seq. u kontro-ezami a a fol. 106 et seq.
[3] Fol. 86
[4] Affidavit a fol. 98 u kontro-ezami a fol. 117

fit-22 t'April 2018, u ghalhekk naqqsitlu l-hlas ta' xi jiem ta' sick leave. Ghal dawn l-attur qed jitlob il-hlas ta' mija u tnax-il Euro u tmenin centezmu (€112.80).

Illi l-attur qed jitlob ukoll illi s-socjeta' konvenuta thallsu mitejn u tmin Euro (€208) ghal hlasijiet ta' leave, btajjel pubblici u bonus, kif ukoll is-somma ta' mija u disgha u sittin Euro u ghoxrin centezmu (€169.20) ghal hlas ta' gimgha *notice*.

Illi l-attur qed jitlob ukoll id-danni peress li qed jallega illi s-superjuri tieghu fuq ix-xoghol trattawh hazin u trattaw kollegi tieghu ahjar minnu. Minhabba f'hekk l-attur tah attakk tal-qalb, qabditu dipressjoni u kellu kumplikazzjonijiet ohra. Ghamel xi spejjez f'medicini. L-attur qed jitlob ukoll hlas ghall-fatt illi bejn April u Awwisu 2018 ma hadimx minhabba li kellu jtemm l-impjieg tieghu mas-socjeta' konvenuta.

Illi l-attur qed jitlob ukoll somma ta' tletin Euro (€30) illi s-socjeta' konvenuta kellha tirrifondilu ladarba huwa rritorna l-uniformi tax-xoghol, u li s-socjeta' konvenuta baqghet ma rrifonditlux. Qed jitlob ukoll il-hlas tas-somma ta' disa' mija u tletin Euro (€930) minhabba li huwa kien imwieghed li ha jahdem ammont ta' sighat iktar, izda spicca tqabbad jahdem inqas, b'konsegwenza li kellu qliegh inqas.

Illi x-xhud Miriam Mifsud, li tahdem bhala Human Resouces Executive mas-socjeta' konvenuta sostniet illi kien l-attur innifsu li rrizenja u mhux il-kumpanija konvenuta keccietu kif qed jallega hu. Qalet ukoll illi l-hlas ghas-sick leave huwa dovut, izda fl-ammont ta' wiehed u sittin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€61.58) u mhux fl-ammont li qed jitlob l-attur. Is-somma ta' tletin Euro (€30) ghall-uniform hija similment dovuta lill-attur, izda dan tal-ahhar ma marx jigbor ic-cheque meta interpellat mis-socjeta' konvenuta biex jaghmel dan. Qalet ukoll li l-bonuses u l-hlas tal-leave gie inkluz mal-hlas tieghu kif indikat fil-kuntratt ta' impjieg. Qalet ukoll illi hlas ghal notice period kellu jhallas l-attur lis-socjeta' konvenuta u mhux bil-kontra, ghaliex minn wara li ta l-avviz ta' rizenja, ma hadimx.

Illi x-xhud Joseph Schembri, li huwa restaurant manager mas-socjeta' konvenuta, qal li l-attur qatt ma tah xi impressjoni li kien imdejjaq fl-impjieg, tant li kien anke jitlob li jahdem f'shifts partikolari, u r-rikjesti tieghu kienu jintlaqghu. Ix-xhud dejjem tratta lill-attur sew u qatt ma dehrlu li kellu xi inkwiet mieghu. Qal ukoll li l-impjegati qatt ma jinghataw hinijiet fissi tax-xoghol.

Illi t-Tribunal ser jittratta l-ewwel id-danni li talab l-attur. L-attur qed jitlob danni kemm ghaliex jallega li gie trattat b'mod diskriminatorju fuq ix-xoghol, kif ukoll qed jitlob il-hlas ghax-xoghol li tilef sakemm rega' beda jahdem wara li spicca minn mas-socjeta' konvenuta. Ghat-Tribunal, l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta fis-sens li kien l-attur li rrizenja mill-impjieg hija fondata. L-attur iddikjara huwa nnifsu li kien hu li baghat l-avviz ta' rizenja. Ghaldaqstant it-talba tal-attur ghall-hlas tan-*notice period* ma tistax tintlaqa'.

Illi iktar minn hekk, ma ngabet l-ebda prova illi tistabilixxi rabta bejn dak li gralu l-attur fil-qaghda ta' sahhtu u dak li allega li gralu fuq ix-xoghol. Ghalkemm l-attur esebixxa dokumenti medici li jindikaw li kellu xi problemi medici fiz-zmien li dam fl-impjieg mas-socjeta' konvenuta, ma rrizulta bl-ebda mod li dawn il-problemi medici, u l-ispejjez minfuqa in konnessjoni maghhom, kienu b'rizultat ta' xi tensjoni jew inkwiet li kellu fuq ix-xoghol. Il-provi juru anzi l-kuntrarju, u cioe' li s-superjuri tieghu kienu jagevolawh u jcaqalqu x-shifts biex jakkomodawh.

Illi similment, it-talba tal-attur ghall-hlasijiet ta' leave, btajjel pubblici u bonuses mhix fondata ghaliex gie espressament miftiehem illi dawn kienu qed jittiehdu bhala parti mill-paga li l-attur kellu f'dan ix-xoghol li tajjeb jigi precizat kien *part-time*. Ghaldaqstant lanqas ghal dan il-hlas m'ghandu dritt l-attur.

Illi l-attur isostni wkoll illi ghandu jithallas ghal iktar jiem ta' sick leave. Kif ikkonferma l-attur stess, huwa baghat ir-rizenja tieghu fis-17 t'April, u dan kif jirrizulta mill-e-mail a fol. 95 tal-process). Kienet ghalhekk korretta s-socjeta'

konvenuta li tiehu l-ahhar gurnata tax-xoghol bhala t-22 t'April u mhux id-29 t'April kif sostna l-attur.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-attur talab ukoll somma ta' disa' mija u tletin Euro (€930) minhabba li skond hu hadem inqas minn dak imwieghed. Il-kuntratt ta' impjieg esebit fl-atti pero' juri b'mod car li l-attur kien impjegat part-time, u jissejjah ghax-xoghol skond l-esigenzi tal-kumpanija, u ghaldaqstant ma jistax jippretendi f'dan ir-rigward, illi jahdem iktar mis-sighat miftehma mal-kumpanija konvenuta fil-kuntratt.

Illi jirrizulta inoltre illi s-somma ta' tletin Euro dovuta ghall-uniformi hija verament dovuta in forma ta' rifuzjoni lill-attur. Is-socjeta' konvenuta nfisha dan ammettietu izda qaghet tistenna li l-attur imur ghac-cheque sabiex jiehu l-hlas. Ghat-Tribunal dan seta' facilment jigi sorvolat billi c-cheque innifsu, kemm tal-uniformi kif ukoll tas-sick leave dovut, jintbaghat fl-indirizz postali tal-attur. Ma jidhirx li qatt kien hemm tentattiv biex dan isir, u lanqas ma jidher li s-socjeta' konvenuta ghamlet xi depozitu ta' dan l-ammont taht l-awtorita' tal-Qorti, u ghaldaqstant is-socjeta' konvenuta hija fin-nuqqas biss u limitatament ghall-fatt illi ma hallsitx dan is-sick leave u l-prezz tal-uniformi fil-hin.

Illi ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq, pero' lit-Tribunal ma jirrizultalux li l-attur haqqu xi hlas iehor minghand is-socjeta' konvenuta hlief ghall-imsemmi sick leave u ghall-uniformi ritornata.

Illi t-Tribunal finalment irid jiccara illi t-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta lanqas ma tregi. Is-socjeta' konvenuta qed teccepixxi illi t-Tribunal ghandu kompetenza sabiex jaqta' u jiddeciedi biss talbiet ta' flus u mhux sabiex jistabbilixxi danni morali. Id-danni li kien qed jallega l-attur, li kieku gew pruvati, kienu danni li setghu jissarrfu f'somma ta' flus u ghalhekk it-Tribunal f'dan is-sens huwa kompetenti sabiex jiddeciedi kwistjonijiet ta' din ix-xorta. L-attur innifsu fil-fatt

ikkwantifika l-ammonti li skond hu tilef, u dan permezz ta' rendikont li ta mal-affidavit tieghu.

Illi t-Tribunal inoltre jerga' jinnota illi decizjoni dwar l-ewwel eccezzjoni diga' nghatat permezz ta' sentenza separata.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, jilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra tal-isess socjeta', u konsegwentement jichad it-talbiet kollha tal-attur hlief dawk relattivi ghall-hlas tas-*sick leave* u l-uniformi, u konsegwentement jordna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' wiehed u disghin Euro u tmienja u hamsin centezmu (€91.58), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sal-hlas effettiv.

L-ispejjez relattivi ghall-ewwel u t-tieni eccezzjoni jithallsu mis-socjeta' konvenuta, filwaqt illi l-bqija tal-ispejjez jithallsu kollha mill-attur.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur